DANISH PRESIDENCY OF THE COUNCIL OF THE EUROPEAN UNION 2012

# 11-il Laqgħa Ewropea dwar in-Nies li qed Jesperjenzjaw il-Faqar

## 10-11 ta' Mejju 2012

## Palazz Egmont, Brussel

Persuni bla dar, u d-dritt għall- housing fi żmenijiet ta' kriżi

**Saqaf fuq rasek huwa biżżejjed biex thossok moħħok mistrieħ fl- EU tal-2012?**




Supported by the European Commission

Organised with the assistance of the European Anti-Poverty Network (EAPN)

Hosted in Egmont Palace by the Belgian Government


11th European Meeting of People
Experiencing Poverty
eu2012.dk
DANISH PRESIDENCY
OF THE COUNCIL OF THE
EUROPEAN UNION 2012

Il-Ħdax-il Laqgħa Ewropeja ġabret flimkien iktar minn 150 delegat (nies li għaddew huma stess mill-faqar u anki f'xi każi minn nuqqas ta' saqaf fuq rashom). Dawn in-nies ġew minn il-fuq minn 30 pajjiż biex jirrifflettu dwar dan it-tema fi tliet oqsma: l-impatt ta'din il-kriżi, eżempji prattiċi u rakkomandazzjonijiet ta' politika pubblika. Sar skambju ta' opinjonijiet bejn id-delegati u r-rappreżentanti tal-ministeri nazzjonali, il-Kummissjoni Ewropeja, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, akkademiċi, riċerkaturi u NGOs soċjali.

# Dikjarazzjoni tad-delegati

In-Nies li Jesperjenzjaw il-Faqar taw l-ewwel kontribut tagħhom fil-11-il Laqgħa EU man-Nies Jesperjenzjaw il-Faqar permezz ta' dikjarażżjoni konġunta lill-istituzzjonijiet Ewropej.

**Id-Delegati tal-11-il Laqgħa tal-UE tan-Nies Jesperjenzjaw il-Faqar urew il-karta l-ħamra lil Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja.**

Din hija l-hdax-il-Laqgħa tan-Nies Jesperjenzjaw il-Faqar.

Iżda din is-sena iktar minn qatt qabel , aħna qegħdin inħossuna abbandunati proprju minn dawk illi stqarrew illi ser jibqgħu biswitna, jaħdmu magħna u għalina.

In-numru ta' nies jgħixu f'kundizzjonijiet prekarji u mingħijr saqaf fuq rashom dejjem qiegħed jiżdied, kif dejjem qiegħed jiżdied in-numru ta' dawk li qegħdin jitilfu darhom għaliex ma jifilħux iħallsu l-kerha jew l-ipoteka tagħhom kif ukoll dawk li jispiċċaw bla dar għaliex qiegħda ssir diskriminazzjoni lejhom.

Il-qgħad qed jiżdied kullimkien, il-ħaddiema qegħdin iħossu nċertezza kbira u ż-żgħazagħ ma jistgħux jimmaġinaw il-ġejjieni,

Dan kollu qed jiġri għax il-gvernijiet ta' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej mhumiex qegħdin jixħtu ħarsithom lill-hinn mill-kontabbilita' fiskali.

Aħna nħossu li l-mexxeja tal-UE tilfu l-viżjoni tal-għanijiet li għalihom kienet tniehdet l-Unjoni Ewropeja 60 sena ilu: għanijiet li fosthom hemm ir-rispett għad-drittijiet, it-tifrix tal-bennesseri materjali u soċjali, is-solidarjeta' u l-kooperazzjoni.

Il-politika li qiegħda tintuża biex tiġġieled kontra l-kriżi ekonomika u finanzjarja qiegħda toħloq aktar faqar u esklużjoni soċjali.

Aħna għandna d-dritt għad-dħul minimu, għall-impieg ta' kwalita', għal servizzji soċjali li huma effiċjenti u aċċessibli finanzjarjament, għall-ilma, dawl u post dinjituż biex ngħixu fih, kif ukoll għas-saħħa.

Qatt ma ħsibna li l-Laqħat Ewropej tan-Nies li qed Jesperjenzjaw il-Faqar kienu s-soluzzjoni għall-problemi kollha. Imma nafu li għalina din hija okkażjoni unika biex leħinna jinstema', biex inkunu nistgħu ninfluwenzaw, billi nagħtu s-sehem dirett tagħna fil-ħolqien ta' politika li mhux biss tolqotna mill-viċin iżda għandha wkoll implikazzjonijiet għas-soċjeta' kollha.

Irridu Strateġija ta' Inklużjoni tal-UE reali, li verament isseħħ fuq livelli lokali, nazzjonali u Ewropej. Strateġija li kapaċi tilħaq l-għan UE li qed jiġi mmirat  sabiex jitnaqqas il-faqar. Bħala nies illi niġu milquta direttament minn din, nixtiequ sehem fid-deċiżjoni dwar l-azzjonijiet illi għandhom jittieħdu u nkunu nvoluti fit-twassil u l-evalwazzjoni tagħhom. Aħna rridu li jsiru nvestimenti finanzjarji illi jappoġġjaw dawn l-azzjonijiet.

Irridu ninstemgħu u rridu nidhru fi spazjijiet pubbliċi, għaldaqstant illum xi delegat jew żewġ delegati minn numru ta' delegazzjonijiet ser iħallu din il-laqgħa sabiex jinġabru quddiem il-Bini tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja filwaqt li juru karta ħamra lill-mexxeja tal-Unjoni Ewropeja u jħallu hemm il-messaġġi tagħna.

Video : http://www.youtube.com/watch?v=ZH71bDQ8_rw&feature=youtu.be



# Plenarju tal-Ftuħ – kummenti ta' introduzzjoni



**Jesper BRASK FISCHER,** ***Deputat Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Affarijiet Socjali Daniż*** fakkar lid-delegati li ftit li xejn hemm leġiżlazzjoni komuni f-livell tal-UE., iżda l-proċess- il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (OMC) – jippermetti lill-pajjiżi biex jgħamlu skambju u tagħlim ta' sfidi komuni u miri. Barra minn hekk , l-istrateġija l-ġdida Ewropa 2012 tqiegħed l-inklużżjoni soċjali u t-tnaqqis tal-faqar ras imbras mat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta' xogħol fl-iskopijiet li l-UE qiegħda tipprova tikseb.

Iżda in-numru ta' dawk b'riskju ta' faqar fl-UE żdied b'2 miljun ruħ, 2009-10.

Jinħtieġu riżorsi għall-inizjattivi ġodda u metodi mmirati bħala parti minn strateġija biex niġġieldu n-nuqqas ta' saqaf.

**László ANDOR,** ***Kummissarju Ewropew fuq ix-Xogħol, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni*** għamel enfażi fuq il-messaġġ mill-elezzjonijiet reċenti madwar il-kontinent, illi l-Ewropa għandha tbiddel id-direzzjoni tagħha u li l-miżuri ta' awsterita' bl-ingrossa m'għadhomx aċċettabli. Hemm il-bżonn ta' konsolidazzjoni fiskali aktar intelliġenti.

L-istrateġija tal-UE2020 fiha l-iskop li terfa' tal-inqas 20 miljun ruħ mill-faqar u l-esklużjoni soċjali ghas-sena 2020. Sentejn ilu ġejna kkritikati għaliex ma konniex ambizzjużi biżżejjed. Issa n-nies qed jgħidu li dan l-iskop mhuwiex realistiku. Iżda dan mhuwiex realistiku biss jekk ma nkunux nistgħu nerġgħu nirkupraw l-

opportunitajiet għat-tkabbir f'dawk il-pajjiżi li ġew affettwati l-aktar b'livelli għolja ta' qgħad li qatt ma ntlaħħqu qabel.

Irridu nsibu mill-ġdid is-solidarjeta' bejn il-pajjiżi kif ukoll dik is-solidarjeta' li hija meħtieġa ġewwa l-pajjiżi biex jinkisbu l-fondi meħtieġa għas-servizzi soċjali.

Il-Kummissjoni Ewropeja għandha kapaċita' limitata ħafna biex tintervjeni direttament fil-politika soċjali tal-Istati Membr iżda l-fondi Ewropej ser ikompli jgħinu l-isforzi sabiex jiġu identifikati l-kawżi tan-nuqqas ta' saqaf u l-aħjar soluzzjonijiet, anki bl-evalwazzjoni ta' approċċji iktar innovattivi. Għandna bżonn niddiskutu b'urġenza r-respons politiċi negattivi li jikkriminalizzaw dawk li m'għandhomx saqaf fuq rashom u nagħtu ħarsa lejn kif ix-xogħol tal UE jaħdem biex jintegralizza r-Roma; u nittrattaw il-faqar tat-tfal relatat mad-djar u n-nuqqas ta' saqaf.

Irridu nagħmlu iktar biex nipprevjenu n- nuqqas ta' saqaf, billi naraw x'inhuma d-diffikultajiet tar-regolamentazzjoni finanzjarja li hija l-kawża sistemika tan-nuqqas ta' saqaf. Irridu wkoll niflu kif jagħmlu impatt il-politika dwar is-saħħa, l-għajnuna għax-xogħol, l-għajnuna bl-ikel, d-drittijiet umani, l-iżvilupp reġjunali eċċ. Sabiex isiru dawn l-isforzi, il-Kummissjoni qed tipproponi li ta' l-anqas l-20% tal-Fond Soċjali Ewropew jiġi allokat għall-inklużjoni soċjali.

**Maggie DE BLOCK,** ***Segretarju tal-Istat Belġjan għall-Integrazzjoni Soċjali u l-Ġlieda kontra il-Faqar*** għamlet enfażi li fil-Belġju, qegħdin jaraw kif jistgħu jiksbu riformi strutturali li jwasslu ghall-impiegi neċessarji u t-tkabbir u fl-istess waqt inaqsu l-infieq.

Huwa essenzjali li l-awtoritajiet jagħtu widen lin-nies li għandhom esperjenza tal-faqar sabiex joħolqu politika koerenti u konsistenti. Huwa importanti li ssir din il-Laqgħa Ewropeja ta' Nies li qed Jesperjenzjaw il-Faqar, u li sakemm jibqa' il-faqar jibqgħu jsiru laqgħat bħal dawn.

Il-koordinazzjoni tal-politika Ewropeja hija wkoll mezz ta' kif tista' tiġi miġġielda n-nuqqas ta' saqaf hekk kif jingħad fil-konklużjonijiet tal-Kunsill fl-2010.

**Dominique PION,** ***delegat Franċiż mill-10 Laqgħa Ewropeja tan-Nies li Esperjenzjaw il-Faqar*** għamel enfażi fuq l-importanza u l-benefiċċju li l-Laqgħat Ewropej jkollhom ghan-nies vulnerrabli li qegħdin jesperjenzjaw il-faqar.

Iżda ftit li xejn kien hemm respons lejn il-problemi li fuqhom saret enfażi u r-rakkomandazzjoniet li saru mid-delegati, għaldaqstant huwa impossibli li jiġu identifikati evoluzzjonijiet rejali minn sena għall-oħra. In-nuqqas ta' rappreżentanti politiċi waqt dawn il-laqgħat jinħass bħala nuqqas ta' rispett.

Madankollu azzjonijiet bħal dawn li jiffavorixxu parteċipazzjoni diretta huma essenzjali biex jingħataw leħen dawk in-nies li qegħdin jesperjenzjaw il-faqar u permezz tagħhom jiġi żvillupat it-tqassim ta' dawn il-messaġġi. Huwa importanti li il-Laqgħat Ewropej jiġu organizzati ta' kull sena biex jibqa' jinżamm id-djalogu mall-politiċi u l-uffiċjali.

# Preżentazzjonijiet Kreattivi – ir-realta' tan-nies li qegħdin jesperjenzjaw il-faqar fl-Ewropa

Bħas-snin ta' qabel, id-delegati nazzjonali ġew mistiedna biex iħejju preżentazzjoni kreattiva sabiex juru u jesprimu r-realta' tal-faqar. Il-preżentazzjonijiet iffukaw fuq it-tema ta' din is-sena: in-nuqqas ta' saqaf u d-drittijiet ta' dar fiż-żmenijiet kurrenti ta' kriżi finanzjarja, dawn jinkludu wkoll role play, films u slides.

http://www.eapn.eu/en/news-and-publications/news/eapn-news/11th-european-meeting-of-people-experiencing-poverty-homelessness-and-housing-rights-in-the-context-of-the-crisis

# Workshops u laqgħat ta' djalogu

Id-delegati inqasmu f'żewġ gruppi u qasmu bejniethom il-ħsibijiet u l-idejat ibbażati fuq tlett mistoqsijiet:

1. X'inhuma id-differenzi ewlenin fin-nuqqas ta' saqaf u l-ksur tad-drittijiet ta' housing issa fl-2012 meta mqabbla mal-2008, qabel il-kriżi?
2. X'inhuma l-prattiċi tajbin u ħżiena mmirati lejn in-nuqqas ta' saqaf u l-ksur tad-drittijiet tal-housing?
3. Kif tista' tiġi maħluqa l-aħjar politika li tindirizza n-nuqqas ta' saqaf u l-ksur ta' drittijiet tal-housing fuq bażi lokali, nazzjonali w Ewropeja?

Dawk illi ħadu sehem fil-workshop imbagħad iltaqgħu flimkien fi tlett laqgħat mar-rappreżentanti tal-iktar partijiet interessati importanti Ewropej biex jiddiskutu dak illi ħareġ mill-workshop.

# Il-Messaġġi ewlenin

***Dwar ir-realta' tal-faqar, in-nuqqas ta' saqaf u l-esklużjoni tal-housing***

- **Il-faqar u n-nuqqas ta' saqaf jistgħu jiġru lil kulħadd:** Il-kawżi tal-faqar u n-nuqqas ta' saqaf jistgħu jaffettwaw lil kulħadd; bit-telfien tal-impieg u problemi ta' saħħa fiżika jew mentali u bi tmiem ta' relazzjonijiet u bil-konsegwenzi loġiċi iżda mhux etiċi ta' sidien tal-kerha u banek mhux irregolati.
- **Id-diskrimniżżazzjoni hija problema kbira:** In-nies li jesperjenzjaw il-faqar, stil ta' ħajja mhux konvenzjonali, housing li mhuwiex tajjeb, ix-xogħol u r-reċidivita' joħolqu preġudizzju u diskriminiżżazzjoni fl-aċċess għall-housing.Din id-diskriminiżżazzjoni tirdoppja għall-bosta gruppi fosthom: ir-Roma, l-immigrati (dawk regolari u dawk illegali); is-single parents; u l-minoranzi etniċi.
- **Il-kriżi ħolqot iktar profili ta' nies f'riskju:** Żagħżagħ li qegħdin ibagħtu biex isibu mpieg, anzjani li qegħdin jaraw il-valur tal-penzjonijiet u t-tfaddil tagħhom dejjem jonqos kif ukoll numru dejjem ikbar ta' nies mill-klassi medja li qegħdin

jiffaċċjaw dejn żejjed u ma jaslux li jħallsu l-ipoteka tagħhom. Dawn kollha juru profil ġdid un nkwetanti ta' nies li qegħdin fil-periklu tan-nuqas ta' saqaf u esklużjoni mill-housing.

- **L-awtoritajiet għandhom jieqfu fil-ġlieda tagħhom mal-foqra:** Wisq ta' spiss, l-awtoritajiet jidhru li iktar moħħhom biex jaħbu jew jiġġieldu lil dawk li qegħdin jesperjenzjaw il-faqar u n-nuqqas ta' saqaf, per eż jikkriminalizzaw l-użu ta' spazji pubbliċi, il-qerda tal-kommunitajiet ta' nies jorqdu barra, l-isgumbrament ta' nies jgħixu abbużivament eċċ milli jassiguraw li jeżistu soluzzjonijiet alternattivi. In-nies m'għandhomx jiġu kkriminalizzati għaliex huma fqar.
- **In-nuqqas ta' saqaf u l-esklużjoni huma kawża kif ukoll sintomu tal-faqar, l-esklużjoni soċjali, il-qgħad, il-problemi ta' saħħa eċċ:** In-nuqqas ta' sitwazzjoni stabbli ta' residenza titfa' lura l-ħila tan-nies li jżommu jew jerġgħu lura għax-xogħol, li jibqgħu f'saħħithom u jkollhom aċċess għad-drittijiet tagħhom, jgħixu ħajja dinjituża u jagħtu sehem sħiħ lis-soċjeta'. Tikkontribwixxi liċ-cirku vizzjuż tal-esklużjoni.
- **Hemm nuqqas kbir ta' aċċess ghal-housing soċjali:** F'bosta reġjuni, n-nies illi m'għandhomx aċċess għall-impieg deċenti jew paga minima adegwata tant ikollhom jistennew ghall-housing soċjali li l-isfidi li jkollhom jiffaċċjaw biex jerġgħu jistabbilixxu ħajjithom jistgħu jkunu żdiedu bil-bosta sakemm dawn jingħataw il-housing. Hemm nuqqas ta' postijiet ghall-housing u ta' aċċess biex dan jingħata l-ewwel lil dawk minghajr saqaf fuq rashom.
- **Is-suq ta kiri privat fil-preżent mhuwiex irregolat u nċentivat biżżejjed biex joffri soluzzjoni:** Kirjiet għolja, sidien tal-kerha li bi preġudizzji u n-nuqqas ta' protezzjoni legali jfissru li n-nies vulnerabbli f'riskju ta' faqar jew esklużjoni ta' spiss ma jkollhomx aċċess biex jikru mill-privat jew m'għandhomx ħarsien minn kundizzjonijiet ta' ħajja ħżiena jew sgumbrament.
- **Ix-xelters ma jipprovdux soluzzjoni għan-nuqqas ta' saqaf ghal-żmien fit-tul:** Saru bosta sforzi biex jiġi pprovdut kenn temporanju iżda dawn ma tantx għamlu effett fuq l-irqad barra u ma ngħatawx support jew għajnuna biex in-nies jirnexxielhom imorru jgħixu f'post permanenti jew jiġu indirizzati problemi oħra, dan wassal biex ġew istituzzjonalizzati ħafna nies li m'għandhomx saqaf fuq rashom.

### *Dwar l-approċċ u s-soluzzjonijiet meħtieġa*

- **L-aċċess ghal djar huwa dritt uman bażiku li għandu jiġi enfurzat:** Ftehim internazzjonali, bosta dikjarazzjonijiet ta' istituzzjonijiet differenti tal-UE kif ukoll xi kostituzzjonijiet nazzjonali tal-Unjoni Ewropeja jgħarfu d-dritt għall-housing. Għandu jsir iktar fuq il-Livell tal-UE u tal-Istati Membri biex jiġi implementat dan id-dritt bażiku, bl-istess mod bhad-drittijiet bażici l-oħra tas-saħħa u tal-edukazzjoni.
- **L-approċċ li jingħata housing l-ewwel għandu jiġi żviluppat:** Ghall-ħafna nies li m'għandhomx saqaf fuq rashom, huwa aħjar u jiswa' inqas li tinstab soluzzjoni immedjata ta' housing u li problemi oħra jiġu indirizzati wara, milli li jiġu solvuti l-

problemi l-oħra bħal sitwazzjonijiet ta' nstabilita' jew akkomodazzjoni temporanja. Madankollu, l-housing l-ewwel, m'għandux jintuża biex jiġu żarmati servizzi ta' emerġenza u servizzi essenzjali oħra jew sabiex in-nies jiġu mġiegħla joqgħodu fi djar mhux addatti għall-bżonnijiet tagħhom.

- **Il-kumplessita' tan-nuqqas ta' saqaf u l-esklużjoni tal-housing jirrikjedu soluzzjonijiet integrati:** Housing l-ewwel ma jfissirx housing biss. Għajnuna mmirata li tgħin is-saħħa,l-edukazzjoni, il-qasam soċjali,ix-xogħol ul-bżonnijiet tal-paga minima eċċ ta dawk l-individwi vulnerabbli u li m'għandhomx saqaf fuq rashom.
- **Tintemm is-sitwazzjoni ta' mistħija tal-bini vojt li jistgħu jgħixi miljuni ta' nies fihom:** B'naqra rieda politika, jista' jkun possibli li tispiċċa r-realta' ta' l-ispekulaturi li jħallu vojt numru kbir ta' bini filwaqt li ċ-ċittadini m'għandhom imkien fejn jgħixu. Żjieda ta' taxxa fuq bini vojt jista' jżid il-fondi għall-investiment soċjali.
- **Is-servizzi għandhom jiġu marbuta mal-post fejn isir il-kuntatt man-nies bla saqaf:** It-toqol u l-burokrazija tal-proviżjon tas-servizz fl-oqsma tas-saħħa, tal-housing, tax-xogħol eċċ. Ma jistgħax ikomplu jkunu sfida oħra li għandhom jgħaddu minnha nies li qed jesperjenzjaw jew qegħdin fil-periklu li jiġu esklużi mill-housing. In-nies mingħijr saqaf fuq rashom għandhom il-ħtieġa ta' post wieħed (onestop shop) li fih jiġu ndirizzati il-bżonnijiet kumplessi kollha tagħhom.
- **Nies li jesperjenzjaw in-nuqqas ta' saqaf fuq rashom u l-esklużjoni tal-housing għandhom jiġu nvoluti fid-deċiżjonijiet li ser jeffetwaw il-ħajja ta' kuljum tagħhom:** Sabiex tinżamm id-dinjita' tal-persuna u jkun hemm żieda f'riżultati ta' suċċess, huwa essenzjali li n-nies ikunu mogħtija l-għajnuna meħtieġa biex jieħdu sehem b'mod sħiħ fit-tħejjija tal-pjanijiet u l-politika biex titjieb s-sitwazzjoni tagħhom.
- **Housing u strateġija ghan-nuqqas ta' saqaf:** Hemm il-bżonn li jsir iktar żvilupp fuq l-istrateġiji dwar il-housing u n-nuqqas ta' saqaf illi diġa' werew li huma effettivi fuq livelli lokali, reġjunali, nazzjonali u tal-UE. In-nies li esperjenzjaw il- faqar u n-nuqqas ta' saqaf għandhom jiġu involuti fl-iżvilupp u fl-implementazzjoni ta' dawn l-istrateġiji.

Il-messaġġ ewlieni mid-delegati kien li huma xebgħu mill-miżuri li ttieħdu biex issir il-ġlieda kontra l-kriżi ekonomika, miżuri li qegħdin joħolqu iktar faqar u esklużjoni soċjali.

**Wasal iż-żmien li jiġu żviluppati strateġiji reali għan-nuqqas ta' saqaf u l-inklużjoni fl-UE, mhux biss fuq il-karta iżda bil-fatti.**

Hemm bżonn illi titjieb l-ġabra ta' informazzjoni (data) u kif jiġu miftiehma aħjar ir-realtajiet ta ' dawk li qedgħin fil-periklu li jitilfu s-saqaf ta' fuq rashom jew jiġu esklużi mill-housing. Il-Fondi Strutturali Ewropej għandhom jiġu wżati strateġikament biex ikunu ta' għajnuna sabiex jitnaqqas il-faqar u n-nuqqas ta' saqaf.

# Plenarja Finali – kummenti ta' l-għeluq



**Joan BURTON, M*inistru Irlandiż għall-protezzjoni soċjali*** huwa ċar li t it-tema li għaqdet l-interventi tan-nies kienet dik tal-bżonn li tiġi rrispettata d-dinjita' tal-persuna.

Bosta minn dawk in-nies li issa qegħdin fil-pużizzjoni li jieħdu d-deċiżjonijiet faċilment jistgħu jinsew dawk ir-realtajiet li forsi qabel kienu jaraw. Għandna nkomplu nħeġġu u niżviluppaw sħubija bejn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u dawk li qegħdin jesperjenzjaw il-faqar sabiex tinżamm infurmata l-politika soċjali.

Is-soluzzjonijiet għandhom jinferxu madwar il-politika kollha li tittratta il-faqar u l-housing fid-dimenzjonijiet kollha tagħhom. Il-politika li ma taqgħax taħt dik tradizzjonali tal-inklużjoni soċjali u l-ħarsien għandha rwol kruċjali.

Waqt il-Presidenza tagħha (minn Jannar sa Ġunju 2012), l-Irlanda ser tkun qed tippromovi b'mod attiv il-kisba tal-Mira Ewropeja għall-Faqar u tagħmel enfażi fuq l-importanza li jsir sforz mill-Ewropa kollha biex jiġi meqrud il-faqar madwar l-Istati Membri. It-titjieb tal-pużizzjoni tal-gruppi vulnerabbli, fosthom it-tfal, ġenituri waħedhom, nies b'diżabbilta', kif ukoll dawk bla xogħol ser tibqa' priorita' għall-Presidenza. L-Irlanda ser tindirizza l-kwistjonijiet tal-housing u l-esklużjoni soċjali fil-laqgħat tal-Kunsill waqt il-Presidenza tagħha u ser tħejji t-12-il Laqgħa Ewropeja ta' Nies li qed Jesperjenzaw il-Faqar.

**Lauris Beets, Tippresjedi fuq il-Kumitat tal-Ħarsien Soċjali** tgħaraf li l-UE tabilħaqq qiegħda tgħaddi minn żmenijiet ta' taqlib u u l-prospettiva ma tidhirx sabiħa.

Il-monitoraġġ ikkonferma li t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku biegħed l-UE mill-miri tagħha li jiġi mnaqqas għall-2020; l-indikaturi dwar il-faqar u l-inklużjoni soċjali juru li qegħdin nimxu fid-direzzjoni l-ħażina.Hemm iktar nies fil-periklu tal-faqar u l-esklużjoni, imma hemm ukoll nies fost dan il-grupp, li qegħdin fl-aħħar nett tad-distribuzzjoni tad-dħul ekonomiku. L-aċċess għas-servizzi essenzjali soċjali u tas-saħħa mar għall-agħar u qed jiżdied n-numru ta' dawk illi l-bżonnijiet ta' assistenza tagħhom mhumhiex qegħdin jiġu moqdija.

Il-Kumitat ta' Protezzjoni Soċjali (SPC) jippromwovi l-kooperazzjoni fuq il-politika soċjali bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, jinħtieġu taħlita ta' inċentivi u opportunitajiet biex jitnaqqas il-qagħad fit-tul. Iżda il-ġlieda lil qagħad mhijiex biżżejjed.

Is-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja preżenti għamlet ċar ir-rwol fundamentali tas-servizzi soċjali. L-għajnuna biex is-support fid-dħul jinżamm f'livell adegwat hija garanzija effettiva kontra l-esklużjoni soċjali u x-xogħol prekarju sabiex hekk jiġu mtaffija l-agħar effetti tal-kriżi.

Il-Kwalita' tal-miżuri tal-konsolidazzjoni fiskali għandhom jingħataw attenzjoni. Dawn għandhom jaqdu sew il-bżonnijiet soċjali tal-ġenerazzjonijiet kollha u jħarsu l-ħila tal-protezzjoni soċjali li ttaffi l-effetti tat-taqlib ekonomiku tul medda ta' żmien qasir u wkoll fit-tul. Il-kontroll fuq l-infieq tal-ħarsien soċjali mhijiex l-unika kundizzjoni għat-tkabbir; għaliex fl-aħħar mill-aħħar l-infieq fil-ħarsien soċjali ma kienx il-kawża ta' din il-kriżi.

L-SPS diġa għamlet in-nuqqas ta' saqaf u l-esklużjoni l-enfażi ewlenija tar-rapport konġunt dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali 2010. Wieħed mill-messaġġi ewlenin kien l-importanza ta' l-istrateġiji integrati u l-bini ta' soċjetajiet iktar koeżivi u sostennibli fuq l-ambjent. Il-Kumitat ser jikkonsidra iktar fit-tul dwar kif il-Metodu Miftuħ tal-Kooperazzjoni jista' jżid l-attenzjoni fuq dawn id-diffikultajiet. Id-diskussjonijiet waqt din il-laqgħa ser jagħtu kontribut lejn dawn il-ħsibijiet u nittamaw li jwasslu ghall-progress konkret qabel il-konferenza li jmiss tan-Nies li qed Jesperjenzjaw il-Faqar.

**Ludo HOREMANS,** ***President tan-Network Ewropew Kontra l-Faqar (EAPN)***

Fl-2010, is-Sena Ewropeja tal-Ġlieda Kontra l-Faqar, l-EAPN evalwaw dakk li kien sar bir-rakkomandazzjonijiet tal-ħames snin ta' qabel u skoprew li l-aspettattivi kienu l-bogħod milli jiġu milħuqa.

Bosta delegati esprimew id-dispjaċir dejjem jiżdied tagħhom li ftit li xejn sar progress fuq ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom. Il-messaġġ tad-delegati juri d-dispjaċir tagħhom li l-politika biex tintemm il-kriżi permezz ta' miżuri t'awsterita' qegħdin jaffetwaw nies normali kif ukoll nies li qegħdin jesperjenzjaw il-faqar li m'għandhom ebda responsabbilta' f'din il-kriżi mentri bilkemm jinlaqtu dawk li huma responsabbli.

Kienet haġa tajba li rajna daqstant uffiċjali tal-Kummissjoni preżenti fil-laqgħat ta' filgħodu mad-delegati u li bħala riżultat ta' dan issaħħaħ id-djalogu mall-amministrazzjoni Ewropeja. Il-Ministri nazzjonali huma dawk illi l-iktar li jieħdu d-

deċiżjonijiet allura huwa importanti illi dawn ir-rakkomandazzjonijiet imorru lilhom ukoll.

Għalkemm huwa essenzjali li jkollok residenza, huwa kemm xejn iktar importanti li jkollok dar u tgħix b'dinjita'. Hemm bżonn ta' approċċji komprensivi biex jkopru l-bzonnijiet numerużi ta' dawk bla saqaf b'servizzi soċjali u tas-saħħa tajba u b'saħħithom. Kull meta issir it-tfittxija għas-soluzzjonijiet, huwa importanti ferm li jinstemgħu n-nies li qegħdin huma stess jesperjenzjaw dawn id-diffikultajiet mhux biss fuq bażi ad-hoc, iżda b'mod strutturat.

Tajjeb li nafu li l-Presidenza Irlandiża s-sena d-dieħla, ser torganizza it-12-il Laqgħa Ewropeja għan-Nies li qed Jesperjenzjaw il-Faqar, iżda x-xogħol ma jieqafx mal-bieb. Irridu nsegwu b'azzjonijiet u ninvolvu n-nies li qegħdin jesperjenzjaw il-faqar fil-proċessi kontinwi biex jinstabu s-soluzzjonijiet. Għandna bżonn ukoll li naħsbu jekk għandniex ndaħħlu iktar 'azzjoni' fl-aġenda tal-laqgħat Ewropej tagħna.

Fl-aħħar nett, is-support ghall-proposta tal-kummissjoni li jiġu allokati 20% tal-Fondi Soċjali Ewropej ghall-miżuri ta' inklużjoni soċjali. L-EAPN qed tniehdi kampanja sabiex jgħaddi dan il-messaġġ lil Kapijiet ta'l-Istat u tal-Gvern kollha tagħna. L-UE tista' ssib is-soluzzjoni biex noħorġu mill-kriżi biss billi tagħmel investiment soċjali.

**Freek Spinnewijn,** ***Direttur FEANTSA, il-Federazzjoni Ewropeja tal-Organizzazzjonijiet Nazzjonali li Jaħdmu man-Nies Bla Saqaf***

Nafu li n-nuqqas ta' saqaf u l-esklużjoni tal-housing huma problema kbira. Għalkemmm m'għandniex figura li nistgħu noqogħdu fuqha, nafu li din is-sitwazzjoni tiġbor fiha diversi miljuni ta' nies li jużaw is-servizzi ta' dawk neqsin minn saqaf fuq rashom.

Ir-rakkomandazzjonijiet relevanti li ħarġu minn din il-laqgħa għandhom jiġu meqjusa f'dan l-eżercizzju. Il-Kummmissarju qal li xi pajjiżi niżżlu in-nuqqas ta' saqaf bħala priorita' politika soċjali fil-Programmi ta' Riformi Nazzjonali. Din hija indikazzjoni ċara li l-Istati Membri jilqgħu tajjeb iktar għajnuna mill-UE sabiex jindirizzaw in-nuqqas ta' saqaf.

Sehem iktar b'saħħtu fl-UE dwar in-nuqqas ta' saqaf diġa ġie msejjaħ; mill-Parlament Ewropew, mir-Rapport Konġunt daw il-Ħarsien Soċjali u Inklużjoni Soċjali li ġie addottat mill-Kunsill fl-2010; rapporti mill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjunijiet; u r-riżultat tal-Konferenza tal-Konsensus Ewropew dwar in-Nuqqas ta' saqaf li ġie organizzat mill-Presidenza Belġjana tal-UE fl-2010. Hemm il-ħtieġa ta' unanimita' bażika dwar il-bżonn ta' din l-azzjoni minn-naħa tal-UE. Issa huwa ż- żmien li nwettqu dan.

# Anness Wieħed – avvenimenti laterali

Id-delegati kollha ġew mistiedna jattendu waħda minn żewġ avvenimenti laterali għall-konferenza, dawn seħħew wara nofsinhar tal-11 ta' Mejju 2012 . Ir-rapporti qosra li jmissu, jagħtu ideja tas-suġġetti li ġew diskussi.

### Avveniment Laterali Wieħed

- Organizzat mill: EUH (l-Għaqda Ewropeja ta' dawk bla saqaf) u HOPE (Nies bla Saqaf fl-Istazzjonijiet Ewropej)

Ġew ippreżentati l-Għaqdiet tal-EUH u l-HOPE. L-EUH hija network informali ta' nies li qed jesperjenzjaw in-nuqqas ta' saqaf fuq rashom organizzat mill-għaqdiet membri minn ħames pajjiżi tal-UE : Armutsnetzwerk, Ġermanja; Á Varos Mindenkié, Ungerija; Comité Des Sans Logis, Franza; Daklozen Aktie Kommitee, l-Olanda; u l-Front Commun SDF, Belġju. HOPE huwa proġett trans-nazzjonali biex jiġu mtejba l-kundizzjonijiet u l-akkumpanjament ta' nies nieqsa minn saqaf fl-istazzjonijiet tal-UE , b'imsieħba li jinkudu kumpanniji tal-ferroviji f'dawn il-pajjiżi: Lussemburgu; Spanja; l-Italja; l-Ġermanja, l-Belġju; l-Polonja; u Franza.

Maarten Loopmans fmill-Universita' Kattolika ta' Leuven għamel id-diskors ewlieni: '*Il-pressjoni fuq dawk bla saqaf: il-ġentrifikazzjoni, t-tiġdid tal-qalba tal-ibliet u d-dritt selettiv ghall-belt'.* Huwa stqarr li l-proċessi ta' ġentrifikazzjoni jfissru li l-valur tas-suq jiddetta l-użu tal-ispazjijiet pubbliċi. Dan wassal biex inħolqot politika li tipprivatizza u twarrab dawk bla saqaf mill-ispazjijiet pubbliċi. Id-dritt għall-belt u l-prinċipju li l-belt tintuża flimkien għaldaqstant hija fil-periklu, l-iktar għal dawk minn gruppi mmarġinalizzati.

Fid-dibattitu li jmiss, il-parteċipanti qablu fil-wisa' li saqaf deċenti u l-ġlieda kontra l-faqar in ġenerali jibqgħu ewlenin, iżda d-dritt għall-ispazju pubbliku huwa wkoll importanti u m'għandu qatt jiġi miċħud lil ħadd. Inħass illi t-temi lokali u l-approċċji rikorrenti- inkluż il-kriminalizzazzjoni tan-nies mingħijr saqaf fuq rashom- jeħtieġu approċċ komuni fuq bażi lokali, nazzjonali u Ewropew.

### Attivita' Laterali Tnejn

- Organizzat minn: La Strada u BRAVVO

LA STRADA http://www.lstb.be/ hija inizzjativa reġjunali tall-Commission Communautaire Commune tal-Belt ta' Brussel. Din inħolqot fl-2008 sabiex tagħti stampa ġenerali u ideja aħjar tas-sitwazzjoni ta' dawk bla saqaf fil-belt kif ukoll biex tkun ċentru ta' għajnuna għal dawk l-għaqdiet li jaħdmu f'dan il-qasam. La Strada tiġbor l-informazzjoni (data) u l-esperjenzi personali ta' dawk li jgħixu fil-belt mingħijr saqaf fuq rashom, tax-xelters u s-*social workers*. La Strada qegħdin jaħdmu wkoll biex jifmhu dwar liema servizzi pprovduti u politika ħadmu jew ma ħadmux permezz ta' ħolqien ta' spazju ghal diskussjoni bejn il-partijiet interessati relevanti.Studjaw fir-reqa' dak li jiġri fix-xitwa meta jkun hemm respons ta' emerġenza fl-aħħar minuta

ghal sitwazzjonijiet li setgħu ġew maħsuba pjanijiet għalihom. Qegħdin jippruvaw jikkoordinaw b'mod aħjar l-għotja ta' servizzi permess ta' sit elettroniku.

BRAVVO http://www.bravvo.be/ hija inizjattiva fuq livell lokali tal-Belt ta' Brussel. Din bdiet b'attenzjoni fuq iż-żgħażagħ li kienu qed jgħaddu l-ħin fl-ispazjijiet pubbliċi minflok jieħdu sehem f'attivitajiet edukattivi jew ta' xogħol. Iżda peress li fl-aħħar snin, n-numru ta' nies mingħijr saqaf fuq rashom fit-toroq ta' Brussel kien kiber, ix-xogħol ta' BRAVVO mexa fid-direzzjoni ta' gruppi akbar u komunitajiet ta' nies bla saqaf. L-għaqda hija attiva f'dan il-qasam, tersaq lejn in-nies bla saqaf sabiex tiddiskuti magħhom is-sitwazzjoni tagħhom, id-diffikultajiet, it-tensjonijiet u l-kunflitti, kif ukoll biex tgħinhom isibu soluzzjonijiet għalihom.

Fid-diskussjonijiet ġew mqabbla xi kawżi komuni għan-nuqqas ta' saqaf u l-attitudni li għandu l-pubbliku u li għandhom l-awtoritajiet lejn in-nies bla saqaf u l-użu li dawn jagħmlu mill-ispazji pubbliċi. Inħass li għalkemm l-informazzjoni (data) dwar in-nuqqas ta' saqaf qatt ma tista' tkun perfetta u għalkemm kull kas għalih huwa importanti għalkemm jista' jittratta dwar persuna waħda, l-informazzjoni (data) tista' tgħin sabiex jkun iġġustifikat għall-awtoritajiet l-bżonn li ssir bidlat. Kien hemm ukoll diskussjoni dwar kif għandhom jiġu pprovduti servizzi speċifiċi mingħijr ma jiġu mifruda in-nies mingħijr saqaf fuq rashom b'approċċ ta' 'ghettizzazzjoni'.

# Anness Tnejn – Lista ta' Attendenza

| | |
|---|---|
| **Austria** | |
| SCHUTTE Michael | Straßenzeitung Augustin |
| GANGLE Silvia | Amsel |
| TIGGES Axel | Personal Assistant Vera Hinterdorfer |
| HINTERDORFER Vera | BAKU – Begleitung aller Krisensituationen |
| GEIGER Carina | Personal Assistant Irmgard Kampass |
| KAMPASS Irmgard | Sichtbar-Werden |
| LEHNER Waltraud | MindestVerUnsicherung |
| **Belgium** | |
| VANDERMEERSCHEN Elke | BAPN |
| MEIRSCHAERT Véronique | BAPN |
| AUSLOOS Daniel | BAPN |
| LANGLOIS Dominique | BAPN |
| BAERT Geneviève | BAPN |
| **Bulgaria** | |
| NIKOLOV Aleksandar | EAPN Bulgaria |
| TODOROV Aleksandar | EAPN Bulgaria |
| STAMBOLUSKII i Borislav | EAPN Bulgaria |
| NIKOLOV Ivan | EAPN Bulgaria |
| ASIPOV Sabri | EAPN Bulgaria |
| **Croatia** | |
| SVAGUSA Vesna | Centre for social policy initatives |
| **CZ Rep** | |
| MROZEK Stanislav | Slezská Diakonie |
| FURAK Milan | Caritas Ostrava |
| LEWINSKI David | Slezská Diakonie |
| ORAWSKI Robert | Slezská Diakonie |
| PLSKOVA Jana | Salvation Army |
| **Cyprus** | |
| KAZANTZIS Ninetta | EAPN Cyprus |
| STAVROU Georgios | EKYSY |
| KYRIAKOS Odysseos | EAPN Cyprus |
| APOSTOLIDOU Efrosini | Cyprus Greens Woman Movement |
| **Denmark** | |
| BAY-PETERSEN Sofie | SAND |
| Ernstsen Per | SAND |
| BERTELSEN Martin | SAND |
| ANDERSEN Leif | SAND |
| SCHEIL Eva Pia | SAND |

| | |
|---|---|
| **Estonia** | |
| KAHJU Laura | EAPN Eesti MTU |
| ELBING Andrus | EAPN Eesti MTU |
| TOPAASIA Ervin | Nõmme Child Welfare |
| TURSMAN Tiina | Omastehooldajate MTÜ |
| **Finland** | |
| VAISANEN Veikko | Settlement Kalliola |
| TOIVONEN Matias | VVA ry |
| KAHARA Pertti | Settlement Kaliola |
| VARSAMAKI Timo | KRIS |
| NIEMELAINEN Ulla Mari | S-asunnot oy |
| **France** | |
| COLLINET Geneviève | FNARS |
| BERTHON Francis | Entraide ouvrière |
| DEPLANQUE Richard | Fondation Armée du Salut |
| FRISCOURT Fabrice | Armée du Salut |
| PION Dominique | Impact |
| SZYMANSKI Catherine | Secours Catholique |
| **Germany** | |
| BIEHN Erika | VAMV |
| NIEDERLAND Karin | Straßenfeger |
| HENRICH Diana | Netzwerk Friesenkraft |
| MULLER Jörg | |
| PLIETZSCH Sven | AWO |
| FRANKE Werner | |
| **Greece** | |
| VARDARAMATOU Konstantina | EAPN Greece |
| ATHANASSOULAS Thanaddid | EAPN Greece |
| KESOVA Larisa | EAPN Greece |
| **Hungary** | |
| MESTER Attila | HAPN |
| SZIGETI Adrienn | The City is for All |
| DUKA Andrea AM | HAPN |
| SZARVAK Eva M | HAPN |
| SZABONE JUHASZ Sara Z | HAPN |
| **Iceland** | |
| GUDJONSDOTTIR Asta | Sjalfsbjorg |
| GUNNARSDOTTIR-Gigja Tinna | Bot |
| KRISTINSSON Guðmundur Ingi | Bot |
| OLAFSDOTTIR Laufey | Single Parents Association |
| **Ireland** | |
| LYNCH Kay | EAPN Ireland |

| | |
|---|---|
| BRADY Deborah | One Family |
| MACKEY Michael | SIMON Galway |
| O"GORMAN Mickael | SIMON Galway |
| WARD Maureen | Irish Traveller Movement |
| **Italy** | |
| MELE Carlo | EAPN Italy |
| SOFIA Giuseppe | EAPN Italy |
| EMILIO Sabrina | EAPN Italy |
| BATTAGLIA Giuseppe | EAPN Italy |
| GRGA Mirko | EAPN Italy |
| RUFINO Francesca | EAPN Italy |
| RICCIARDI Luigi | EAPN Italy |
| **Lithuania** | |
| BARANAUSKAITE Vaida | Baltic Foundation |
| LAUKEVICIENE Gemma | Red Cross |
| GRISKEVICIENE Lolita | GELVONAI COMMUNITY |
| TALANDIS Zanas | SOCIAL PROJECTS “MANO GURU” |
| **Luxemburg** | |
| SCHULLER Anne-Marie | EAPN Luxemburg |
| **Macedonia** | |
| TERZIEVA Pavlovska Meri | MAPP |
| STOJANOVSKI i Mite | MAPP |
| PANOV Ico | MAPP |
| **Malta** | |
| GRIMA Francis Saviour | |
| GARRETT Antonia S. | Millenium Chappel Foundation |
| BRINCAT Johanna | Millenium Chappel Foundation |
| TODD DIMECH Joseph | Millenium Chappel Foundation |
| **Netherland** | |
| SMEEKES Alida | EAPN NL |
| NIELAND Marianne | EAPN NL |
| VAN DER VOORT Petra | |
| Svanishvili Davit | EAPN NL |
| Pavliashvili inga | EAPN NL |
| **Norway** | |
| HASSAN Jamila | Din Fremtid |
| KASHALE Honoratte Muhanzi | BIBI AMKA |
| MATHISEN Berit | Stiftelsen Selvhjelpens Hus |
| ENGEN Johanna | EAPN Norway |
| MOSTAFA Mostafa Kuku | Din Fremtid |
| **Poland** | |

| | |
|---|---|
| WYGNANSKA Julia | Fundation for Social Innovation and Research “Shipyard” |
| PALACZ Natalia | Apteka Sztuki Gallery |
| WRONSKA Barbara | Otwarte Drzwi Association |
| CZARNEKA Alina | The “Otwarte Drzwi” Association |
| SOSNOWSKI Z.P. | Kamilians Mission of Social Assistance |
| SUSZWEDYK Dariusz | Cammilian’s Mission of Social Assistance |
| **Portugal** | |
| VICENTE Maria José | EAPN Portugal |
| PEREIRA Ana | EAPN Portugal |
| JAIME Filipe | EAPN Portugal |
| MENESES Antonio | EAPN Portugal |
| SEABRA Joao | EAPN Portugal |
| **Serbia** | |
| ZARKOVIC Branislava | Housing Centre |
| **Slovakia** | |
| GALOVICOVA Anna | SAPN |
| MALEK Ivan | SAPN |
| ONSASNIKOVA Dana | SAPN |
| SUCHA Renata | SAPN |
| **Slovenia** | |
| NOUHOUM Ibrahim | Zavod RiSi |
| CASL Primoz | Zavod RiSi |
| MAJER Petra | Zavod RiSi |
| PETRIC Zan | Zavod RiSi |
| **Spain** | |
| SALGADO VANELLA Fr. | Fundacion Atenea |
| AGUIRAN Maria | Red Aragonese |
| BANON Pedro | Solidarios para el Desarrollo |
| FERNANDEZ Ruben | Cocemfe |
| SANTANA Gladis | Fundacio Dexalles |
| **Sweden** | |
| ANDERSSON Asa | Verdandi |
| JOHANSSON Eva | Verdandi |
| JONSSON Käthe | Verdandi |
| Nordqvist Lena | Insolvens |
| PERSON Lisabeth | Insolvens |
| **UK** | |
| McCausland Fiona | EAPN UK |
| Mc MAHON Marisa | EAPN UK |
| Mc Manus Angela | EAPN UK |
| BRADY Sean | EAPN UK |
| SOBOR Aleksandra | EAPN UK |

| | |
|---|---|
| PODRIMAJ Lumturi | EAPN UK |
| **Chair** | |
| BRASK FISHER Jesper | Deputy Permanent secretary Ministyr of Social Affairs, Denmark |
| **Speakers** | |
| ANDOR Làszlo | EU Commissioner for Employment, Social Affairs and Inclusion |
| BURTON Joan | Minister for Social Protection, Ireland |
| BEETS Lauris | Chair of the Social Protection Committee |
| DE BLOCK Maggie | Belgian State Secretary for Social Integration and Combating Poverty |
| PION Dominique | Delegate from the 10th EU Meeting |
| HOREMANS Ludo | EAPN President |
| MUNSLOW Anthony Neil | Eurocities - Groupe Homelessness |
| MOLAS Jean-François | BAPSA Paris France |
| ROUMET Claire | CECODHAS Housing Europe |
| SPINNEWIJN Freek | Feantsa |
| LE BARS Sylvie | Solidarités actives - France |
| Danish Ministry | |
| HAEKKERUP Karen | Mnister for Social Affairs |
| NYEGAARD JEPSEN A.L. | Personal Secretary |
| WINTHER Eva E | Head of Section |
| VIZARD Dorte B | Head of Department |
| MUNK Kirsten | |
| Irish Ministry | |
| BURTON Joan | Minister for Social Protection |
| KELLY Paul | Assistant Principal Officer, Social Inclusion Division, Department of Social Protection |
| BROPHY Edward | Advisor to the Minister for Social protection |
| O'CONNELL Karen | Parliamentary Advisor, Department of Social Protection |
| CRAWFORD Jacinta | Private Secretary to the Minister for Social Protection |
| KEANE Sharon | Social Inclusion Division, Department of Social Protection |
| O'SULLIVAN Maeve | Social Inclusion Division, Department of Social Protection |
| Belgian State Secretariat | |
| DE BLOCK Maggie | Belgian State Secretary for Social Integration and Combating Poverty |
| LAURENT Dominique | Head of Cabinet |
| VAN GEERTSOM Julien | SPP Social Integration, Director |
| VERSCHOOTEN Cedric | Belgian State Secretariat for Social Integration and Combating Poverty |
| EU Commission | |
| FRANSEN Lieve | Director for Social Policy and Europe 2020 |
| TOLEDANO LAREDO Emma | Empl D2 Head of Unit |
| PARASKEVAS Marie-Anne | Empl F1, Pinrcipal administrator |
| CULTRERA Concetta | Empl D2 Deputy Head of Unit |
| DEGRAND-GUILLAUD Anne | Empl D1, Team leader, Policy Officer |
| DENCH Kevin | Empl D2, policy analyst |
| IRONSIDE Sarah | Empl D1 Interinstitutional affairs assistant |

| | |
|---|---|
| TOTH Gabor | Empl E1, Policy officer |
| SASU Ionut | Empl D4 Policy officer |
| VANYOLOS Istvan | Empl D2 Policy analyst |
| ANDREI Corneli | Empl D2 Policy analyst |
| MOLSON Eric | Empl D2 Financial assistant |
| MESZARO Andrea | Empl D2 Policy analyst |
| HOLTHUIS Egbert | Empl D1 Head of Unit |
| ENGSTED MAQUET Isabelle | Empl A2 Deputy Head of Unit |
| HAAPAKKA Merja | DG REGIO C2 Policy officer |
| OPLAND Oyvind | Empl D1 Policy Analyst |
| SAINT DENIS Antoine | Empl D4 Policy officer |
| HUSZ Dora | Empl D2 Policy officer |
| OP DE BEKE Julisu | Empl D2 Policy officer |
| FAZI Elodie | Empl D2 Policy analyst |
| STOYANOVA Galya | Trainee |
| KETTERER Hanna Maria | Trainee |
| WOLF Wlater | Empl D2 Policy Analayst |
| SPC / EMCO | |
| BEETS Lauris | Chair of the Social Protection Committee |
| RABAU Muriel | SPF Social Security Belgium |
| FOUDRIERE Pascal | Min. Solidarité & Cohésion sociale - France |
| GERSTMANN Kati | Federal Ministry of Labour, Social Affairs and Consumer Protection, Austria (BMASK) |
| SIRLINGER Gerald | Magistratsabteilung 24 Gesundheits- und Sozialplanung |
| CIERNA Maria | Permanent Representation of the Slovak Republic to the EU |
| BOHAN John | Ministry for Social Protection, Ireland |
| Academic Community | |
| MARLIER Eric | |
| NGO's | |
| COTTINJI Jean Yves | Comité des Sans logis - EUH France |
| PEETERS Jean | Front Commun SDF - Belgium - EUH |
| SCHNEIDER Jürgen | EUH Germany |
| WILLEMSE Paul | Front commun SDF - NL - EUH |
| HARTUNG Brigitte | HOPE Germany |
| BURGERLING Elly | HOPE NL |
| RAZVAN Marin | HOPE Romania |
| PAARDEKOPER Edo | HOPE Nl |
| DUPRES Aurelie | EU Network of Social Integration enterprises |
| CLARK-FOULQUIER Clotilde | Eurodiaconia |
| EU Progress Social Inclusion NGO's | |
| BANAS Pauline | Mental Health Europe |
| GREENE Caroline | Eurocities |

| | |
|---|---|
| GANZERLA Silvia | Eurocities |
| MARTINSSON Sofia | Eurocities |
| EESC | |
| COULON Pierre Jean | Comité Economique & social |
| LUCAN Eugène | Comité économique & social |
| Facilitators | |
| CALVANELLI Laura | Caritas Italy |
| GORIS Josee | PPS Social Integration - Belgium |
| HERMANS Marja | Welzijnszorg - Brussels |
| GINNELL Paul | EAPN Ireland |
| STRIANO Mauro | Feantsa |
| VEREECKEN Léopold | |
| MARTON IZABELLA | EAPN Hungary |
| LEVOY Michele | PICUM |
| CARON Vincent | EAPN |
| MARGUERY Olivier | Armée du Salut |
| CESARINI SFORZA | EAPN Italy |
| BACKES Stephan | EAPN Belgium |
| Moderators Dialogue | |
| MARGUERY Olivier | Armée du Salut |
| BACKES Stephan | EAPN Belgium |
| GORIS Josée | PPS Social Integration - Belgium |
| HERMANS Marja | Welzijnszorg - Brussels |
| STRIANO Mauro | Feantsa |
| HOREMANS Ludo | EAPN President |
| Organising Committee | |
| FARRELL Fintan | EAPN, Director |
| Coordinator | |
| GERONDAL Micheline | EAPN |
| Rapporteur | |
| Edward THORPE | Thorpe European Services |
| EAPN Team | |
| DAHMEN Sigrid | EAPN |
| FLEMAL Coralie | EAPN |
| LEE Rebecca | EAPN |
| GONZALEZ Leticia | EAPN |

Back Cover

15 pictures